Kunsill Lokali L-Għasri
6, Triq Dun Karm Caruana, L-Għasri GSR 1021
Tel: 21558686 Fax: 21558655 email: ghasri.lc@gov.mt

*Ref. Nru. VI/48*

Minuti tal-Laqgħa Nru. 48 tal-Kunsill Lokali L-Għasri (is-Sitt Terminu), li nżammet nhar L-Erbgħa 11 ta' April, 2012 fis-7.00p.m. fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill.

Il-laqgħa kienet presjeduta mis-Sindku s-Sur Andrew Vella.

Membri oħra tal-Kunsill li kienu preżenti :

| | |
|---|---|
| Is-Sur Emmanuel Mintoff | Viċi Sindku |
| Is-Sur Frank Formosa | Kunsillier |
| Is-Sur Joseph Farrugia | Kunsillier |
| Is-Sinjura Renance Vella Aquilina | Kunsilliera |

**1. Talba**

Fil-bidu tal-laqgħa s-Segretarju Eżekuttiv u l-Kunsillieri qalu t-talba.

**2. Qari u approvazzjoni tal-Minuti 6-46 u 6-47**

Inqraw il-Minuti tal-Laqgħat preċedenti, ġew approvati unanimament u ġew iffirmati mis-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv.

**3. Mill-Minuti 6-46**

**Paragrafu 4.02:- Skema għal ġbir ta' ħġieġ riċiklabbli -** Is-Sindku informa lill-Kunsill li din l-iskema bdiet taħdem kif ippjanat, mill-Ħamis 5 ta' April. Peress li l-avviżi li kienu saru dwar din l-iskema kien ilhom xi tlett ġimgħat li saru, s-Sindku qal li nħasset il-ħtieġa li jsir avviż ieħor, liema avviż diġa sar u tqassam matul din il-ġimgħa. Ir-rispons tar-residenti kien tajjeb u fil-fatt mill-Kunsill inġabru aktar minn mitt kontenitur tal-plastik (li fihom jitpoġġa l-ħġieġ riċiklabbli). Il-Kunsill qabel li din l-inizzjattiva għandha tkompli tiġi inkoraġġita. Fl-avviżi li saru, r-residenti ġew infurmati wkoll li minn April l-iskart domestiku mhux se jibqa' jinġabar nhar ta' Ħamis.

**Paragrafu 4.07:- Problema tal-ilma tax-xita fi Triq Għammar -** Is-Sindku informa lill-Kunsill li l-ispezzjoni fi Triq Għammar li kellhom jagħmlu l-Perit tal-Kunsill Angelo Portelli u l-Perit Edward Scerri li qed jidher f'isem ir-residenti Tereżina u Rikarda Zammit għadha ma saritx peress li l-periti għad ma irnexxielhomx jagħmlu appuntament. Is-Sindku qal li din l-ispezzjoni mistenni li ssir nhar is-Sibt 14 ta' April.

**4. Mill-Minuti 6-47**

Is-Sindku informa lill-Kunsill bix-xogħol ta' manutenzjoni li sar u qed isir biex titranġa l-ħsara li saret wara l-maltempata tal-10 ta' Marzu 2012. Wara li tneħħa kull periklu li kien hemm, issa bdew xogħlijiet oħra ta' manutenzjoni ta' toroq u ħitan. L-

aktar ħitan importanti li jinbnew mill-ġdid huma dawk ta’ Triq Wied L-Għasri u ta’ Triq tal-Gallina. Fil-fatt il-ħaddiema tal-Kunsill flimkien mal-ħaddiema tal-Ministeru Għal Għawdex qed jibnu l-ħajt ta’ Triq Wied L-Għasri u kif ilestu minnhu jmorru jibnu dak ta’ Triq tal-Gallina. Wara dawn iż-żewġ ħitan hemm ħajt ieħor aktar ‘l isfel fi Triq Wied l-Għasri li wkoll irid jinbena mill-ġdid. Dawn il-ħitan kollha qegħdin taħt il-livel tat-triq u għalhekk importanti ħafna li jsiru biex it-triq ma iċċediex u b’hekk issir aktar ħsara.

Is-Sindku qal wkoll li l-ħajt ta’ gandott li jilqa’ l-ilma tax-xita fi Triq Għammar inbena (fejn ta’ Bernarda Zammit). Il-Ministeru Għal Għawdex ser iħallas l-ispejjeż ta’ makkinarju li intuża filwaqt li l-Kunsill ser iħallas tal-kantuni.

Fi Triq tal-Gallina sar ix-xogħol meħtieġ u issa hija aċċessibbli. Din it-triq kienet saritilha ħsara kbira u ma kienx possibbli li tgħaddi minnha. Hawnhekk ix-xogħol u l-materjal (konkos) sar kollu mill-Kunsill.

Triq Wied l-Għasri issa hija aċċessibbli wkoll. Ix-xogħol f’din it-triq sar mill-Ministeru Għal Għawdex u jonqos li jingħata l-konkos. Dan ukoll ser isir mill-Ministeru Għal Għawdex.

Saru xogħlijiet oħra fi Triq it-Tamar kif ukoll ġew ippeċjati bil-cold asphalt it-toroq kollha fiż-żona urbana.

**5. Korrispondenza**

5.01 Memo 12/2012 – Mistoqsija Parlamentari Numru 32930 dwar tindif ta’ Bajjiet/xtut.
5.02 Memo 13/2012 – Ringrazzjament tas-servizz li tajtu lill-Komunita’.
5.03 Memo 14/2012 – Iċ-Ċerimonja tal-Ġurament tal-Ħatra.
5.04 Memo 15/2012 – Laqgħa ta’ Konsultazzjoni: Il-Prevenzjoni, Tnaqqis u Kontroll tal-Ħsejjes.
5.05 Memo 16/2012 – Direzzjoni dwar l-Ewwel Laqgħa tal-Kunsill Lokali.
5.06 Memo 17/2012 – Skema EGOV4U għall-Kunsilli Lokali.

5.07 Il-Kunsill irċieva l-aġġustamenti li jridu jsiru dwar il-Financial Statements 2011 minn għand l-Awditur. Il-Kunsill iddiskuta u approva unanimament li jsiru dawn l-aġġustament fil-Financial Statements 2011.

5.08 Angele Scicluna bagħtet lill-Kunsill il-programm taż-żjara li ser issir minn 21 student li ġejjien minn Ottenschlag. Din iż-żjara hija tkomplija tal-ġemellaġ li l-Kunsill għandu ma’ Ottenschlag. Dawn l-istudenti ser ikunu joqgħodu fl-ITS il-Qala. Il-Kunsill qabel li għandu jsir ix-xogħol meħtieġ biex iż-żjara ta’ dawn l-istudenti tmur kif ippjanat.

5.09 Ruben Said ta’ Transport Malta informa lill-Kunsill li se jinżebgħu sinjali sofor fi Triq ta’ Għammar peress li qed ikun hemm problemi biex jgħaddi t-trasport pubbliku.

5.10 Guido Zammit mill-ETC informa lill-Kunsill li l-parteċipazzjoni ta’ Stephen Moon fl-iskema xogħol fil-komunita ġiet imġedda b’sitt xhur oħra b’seħħ mid-9 ta’ April 2012.

5.11 Ġanni Ċini bagħat stima għal xogħlijiet tal-aluminium f’uħud mill-bibien tal-kunsill peress li meta tkun ix-xita qed jidħol ħafna ilma. L-istima hija ta’

€145.00. Il-Kunsill aċċetta din l-istima u għalhekk se jiġi ordnat biex isir ix-xogħol meħtieġ.

5.12 L-AKL talbet lill-Kunsill sabiex jagħżlu waħda mis-sistemi ta' kif għandhom jiġu ippeċjati t-toroq wara li jsir xogħol ta' manutenzjoni fuq xi servizz tal-ilma. L-għażla hija bejn li jew il-Kunsill jingħata l-flus mill-WSC u l-asfaltar isir mill-Kunsill jew li l-WSC tagħmel ix-xogħol kollu hi. Il-Kunsill qabel li għandna nagħżlu it-tieni skema u għalhekk ix-xogħol isir kollu mill-WSC.

5.13 Compass Group bagħtu stima ta' insurance li l-Kunsill jista' jagħmel. Il-Kunsill ma' qabilx li għandna nżidu xi insurance oħra ma' li għandna.

5.14 Joe Louis Meilak informa lill-Kunsill li huwa għamel inkwadru tas-Salvatur (S/blasted mirror). Dan jiswa €150. Il-Kunsill ma qabilx li għandna nixtruh.

5.15 Is-Segretarju nforma lill-Kunsill li kien irċieva diversi stimi dwar 'litter bins'. Il-Kunsill irċieva stimi minn għand Anton Zarb, SR Environmental Solutions, Mario Mallia u B Grima & Sons. Huma bagħtu diversi kwalitajiet ta' bins. Il-Kunsill iddeċieda li għandu jixtri żewġ bins minn għand SR Environmental Solutions (Glasdon Jubilee Bins Black - €580) biex jitpoġġew fil-pjazza u jinxtraw tlett bins oħra minn għand Mario Mallia (Litter Bin Handy - €160) biex jeħlu fi Triq il-Fanal u fi Triq il-Knisja.

## 6. Offerta – Resurfacing ta' parti minn Triq il-Fanal

Is-Sindku nforma lill-Kunsill li wara ħafna tentattivi huwa irnexxielu li jmur fuq il-post flimkien mal-Kuntrattur u l-Perit. Is-Sindku qal li l-Kuntrattur infurmah li mhux possibbli li jħarrek ir-rati peress li l-ispejjeż komplew jogħlew speċjalment il-prezz taż-żejt. Kif kien ġie diskuss fil-laqgħat preċedenti, il-Perit Angelo Portelli ħadem stima aktar reali max-xogħol li hemm bżonn isir. Per eżempju flokk il-ħxuna tat-tarmak tkun ta' 100mm din tkun ta' 75mm li skond il-Perit hija biżżejjed. Barra minn hekk jekk isir it-taħmil, ir-rata tat-tqaxxir tiġi eliminata. Tnaqset ukoll it-tul tal-bankina peress li f'partijiet mit-triq fejn hemm il-ħajt tas-sejjieħ ma tistax issir. L-istima tal-Perit bir-rati li tefa' l-kuntrattur u wara li saru dawn l-aġġustamenti niżlet minn €333,610 għal €250,000.

Is-Sindku informa lill-Kunsill li l-applikazzjoni tal-Kunsill dwar l-iskema tal-PPP għad ma ġietx approvata u għalhekk għadha pendenti. Is-Sindku qal ukoll li x-xogħol ikun jista' jsir fuq żewġ fażijiet u b'hekk il-Kunsill jilħaq ikollu l-fondi meħtieġa biex isir dan il-proġett. Il-Kunsill iddiskuta u qabel li għandna nitolbu lill-Perit Portelli jibgħat stima dettaljata kif ġiet aġġustata biex minn naħa tagħna nibgħatuha lid-Dipartiment tal-Kunsilli Lokali u nitolbu wkoll l-informazzjoni dwar l-applikazzjoni tagħna tal-iskema PPP. Il-Kunsill qabel ukoll li għandna nibdew il-proċess biex dan il-proġett ikun jista' jitwettaq. Se jintbagħtu ittri lill-Korporazzjonijiet għas-Servizzi tal-Ilma, Drenaġġ u tad-Dawl kif ukoll lil Go plc fejn ninfurmawhom li Triq il-Fanal se tingħatha t-tarmak u għalhekk jekk huma se jgħaddu xi servizzi taħt l-art, ix-xogħol meħtieġ għandu jsir qabel jingħata t-tarmak.

## 7. Attivitajiet tal-Festa

Il-Kunsill iddiskuta dwar l-attivitajiet tal-festa li jiġu organizzati ta' kull sena. Il-Kunsill qabel li bħal ma għamel fis-snin preċedenti għandu jorganizza l-attivitajiet għal żmien il-festa fosthom il-logħob għal kulħadd u t-tlielaq taż-żwiemel. Se jsiru l-avviżi u l-preparamenti neċessarji biex dawn ikunu jistgħu jsiru.

**8. Materja oħra**

8.01 Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill li Toni Vella (miż-Żebbuġ) kien irraporta dwar l-istat ħażin ta' Triq tal-Gallina fejn qal li hemm ħofra kbira u perikoluża. Dan is-suġġett ġie diskuss aktar kmieni u x-xogħlijiet ta' manutenzjoni diġa saru.

8.02 Maria Attard ta' Triq Dun Karm Caruana talbet biex teħel mera tat-traffiku fi Triq il-Ġonna. Il-Kunsill qabel li għandna naplikaw għall-approvazjoni ta' Transport Malta dwar din il-proposta tat-traffiku. Meta nirċievu l-approvazzjoni jsir ix-xogħol meħtieġ biex teħel il-mera tat-traffiku.

8.03 Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill li Dun Ġużepp Zammit ta' Triq Salvu Gambin talab biex isir xogħol ta' tindif fejn il-Knisja tal-Patroċinju u anke jinżebgħu l-fanali li hemm fuq iz-zuntier. Il-Kunsill qabel li għandu jsir ix-xogħol meħtieġ mill-ħaddiem tal-iskema tal-ETC.

8.04 Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill li Michael Cefai (miż-Żebbuġ) kien irraporta dwar l-istat ħażin ta' triq fl-inħawi ta' Wied L-Għasri. Din it-triq, wara l-maltempata ta' Marzu li għadda, saritilha ħsara kbira u għalhekk parti minnha hemm bżonn li titwitta u jingħata l-konkos. Il-Kunsill qabel li għandu jsir ix-xogħol meħtieġ biex jitneħħa kull periklu.

8.05 Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill li Mario Vella (miż-Żebbuġ) kien irraporta dwar periklu li hemm fi Triq Wied L-Għasri fejn waqa' ħajt fil-parti tat-triq li hija bit-tarmak. Dan is-suġġett ġie diskuss aktar kmieni u x-xogħlijiet ta' manutenzjoni ser isiru fi żmien qasir mill-ħaddiema tal-Kunsill u tal-Ministeru Għal Għawdex.

8.06 Il-Kunsilliera Renance Vella Aquilina staqsiet lill-Kunsill jekk hux ser isiru siġar oħrajn flokk dawk li hemm fi Triq il-Fanal. Fil-fatt dawn is-siġar qed jinqalgħu wara li l-Kunsill kien irċieva diversi ilmenti dwarhom peress dawn it-tip ta' siġar fl-inħawi ta' madwarhom ma jkun jista' jikber xejn. Il-Mepa wkoll kienet tat l-approvazzjoni tagħha biex jinqalgħu dawn is-siġar. Il-Kunsill qabel li aktar 'l quddiem naraw hux possibbli li jitħawlu siġar oħrajn.

**9. Ħlas ta' Kontijiet**

Quddiem il-Kunsill tressqet l-iskeda ta' pagamenti nru 6-48 biex ikunu approvati mill-Kunsill. L-iskeda kif ippreżentata ġiet aċċettata mill-Kunsill. Kopja ta' din l-iskeda qed tinhemeż mal-minuti.

Il-laqgħa li jmiss ġiet appuntata għal nhar it-Tnejn 23 ta' April, 2012 fis-7.00p.m.

Il-laqgħa tal-lum intemmet fl-9.45p.m.

Andrew Vella
Sindku

Ruben Cassar
Segretarju Eżekuttiv